MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1090/2009

**Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**vs**
**Richard Greco**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Richard Greco ta’ 45 sena, bin Marcello u Maria Melita nee’ Vella, imwieled Sliema fit-22 ta’ Dicembru 1963 u residenti Town Square Apts, Fl106, ix-Xatt ta’ Qui-Si-Sana, Sliema u detentur tal-karta tal-identita’ numru 43164(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fis-17 t’Ottubru 2009 ghall-habta tas-13:00hrs gewwa Triq San Duminku, Valletta, waqt li kien qed isuq vettura ta’ l-ghamla Mitsubishi Pajero bin-numru ta’ registrazzjoni MAR 163,

1. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Patricia Mary Jones detentrici ta’ passaport Brittaniku bin-numru 303508956 kif iccertifikat minn Dr. Mark Bugeja No. 1768 ta’ l-Isptar Mater Dei;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-istess vettura bi traskuragni kbira jew b’mod perikoluz.

F’kaz ta’ htija il-Qorti kienet gentilment mitluba tirrevoka jew tissospendi kull tip ta’ licenzja f’isem l-imputat ghal zmien li lilha jidrilha xieraq ai termini ta’ Artiklu 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta’ Ottubru0, 2009 (esebit *a folio* 5 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-19 ta’ Ottubru, 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali li sehh fis-17 ta’ Ottubru 2009 ghall-habta tas-13.00hrs fi Triq San Duminku kantuniera ma Strada Merkanti, l-Belt, Valletta, fejn waqt li l-imputat Richard Greco kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni MAR 163 tal-marka Mitsubishi Pajero u kien qed jirriversja sabiex jipparkeggja il-vettura tieghu laqat lil Patricia Mary Jones, mara anzjana ta’ 76 sena, li kienet qed taqsam it-triq flimkien ma zewgha. Mill-provi rrizulta li kien l-istess imputat li mar jaghmel ir-rapport relattiv l-Ghassa tal-Belt u dan wara li akkompanja lil konjugi Jones il-policlinic tal-

Furjana fejn l-imsemmija Jones giet certifikata li kienet qed issofri minn griehi ta’ natura hafifa[1]. Mill-provi rrizulta wkoll li Patricia Mary Jones iffirmat dikjarazzjoni fejn qalet li kienet qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat[2] izda aktar tard fil-gurnata hija ttiehdet l-Isptar Mater Dei fejn gie certifikata li kienet qed issofri griehi ta’ natura gravi[3] u hekk il-Pulizija hadet passi ex ufficio. Mix-xhieda tal-vittma Patricia Jones[4] jirrizulta li t-tobba li ezaminawha qalulha li kellha tmien gimghat sabiex tirkupra kompletament mill-griehi konsistenti fi ksur li kellha u t-tabib li rrilaxxja ic-certifikat mediku nserit a fol. 17, Dr. Mark Bugeja, li xehed waqt l-udjenza tal-11 ta’ Frar 2011, qal li huwa ma regghax ra lill-pazjenta wara li rrilaxxja l-imsemmi certifikat. Il-Qorti sejra ghalhekk tikkunsidra li l-griehi sofferti minn Patricia Jones ghalkemm kienu ta’ natura gravi ma kellhomx il-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Meta xehdet Patricia Jones f’dawn il-proceduri hija qalet li hi u zewgha kienu mexjin fuq il-bankina u raw il-vettura misjuqa mill-imputat ghaddejja minn hdejhom fejn huwa mbaghad waqaf fil-kantuniera u huma ddecidew li jaqsmu minn wara l-vettura wieqfa u meta huwa rriversja f’daqqa spicca sabiex laqatha bil-parti ta’ wara tal-vettura tieghu u hija waqghet mal-art. L-istess verzjoni inghatat minn Gordon Barry Jones ir-ragel ta’ Patricia Jones li wkoll xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta’ Novembru 2009. L-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-14 ta’ Jannar 2011 fejn huwa spjega li dakinhar tal-incident kien dahal il-Belt flimkien ma martu u z-zewgt itfal taghhom u kien qed ifittex parking. Huwa qal li waqaf f’salib it-toroq ghaliex ra parking space u beda’ jirriversja bil-moghod fejn irriversja distanza zghira ta’ madwar tletin centimetru sabiex jipparkja. Huwa spjega li fil-vettura tieghu ghandu s-

[1] Ara certifikat mediku inserit a fol. 15 tal-atti processwali
[2] Ara dikjarazzjoni inserita a fol. 16 tal-process.
[3] Ara certifikat mediku inserit a fol. 17 tal-process.
[4] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol.18 sa 24.

sensors li jaghmlu hoss jekk jolqot xi haga jew lil xi hadd izda huwa ma sema’ xejn u qal li kellu jirriversja ftit sabiex idur ghal Merchants Street fejn kien lemah il-parking space. Huwa spjega li kien ra lil Patricia Jones mal-bankina qabel ma beda’ jirriversja u li huwa ma ndunax li kien laqatha qabel ma zewgha beda’ jhabbat bil-handbag fuq it-tieqa tal-vettura tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi f’dan il-kaz il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li l-imputat Richard Greco kien traskurat fis-sewqan tieghu ghaliex huwa ttenta jaghmel manuvra straordinarja ta’ reverse minghajr ma zamm a proper lookout ghal dak li kien hemm madwaru sabiex b’hekk laqat lil Patricia Jones. Mix-xhieda tieghi jirrizulta li fil-fatt huwa f’xi hin qabel ma rriversja kien induna bil-presenza ta’ Jones taht il-bankina izda imbaghad meta beda’ jirriversja ma rahiex aktar izda xorta spicca sabiex laqatha. Il-Qorti jidrilha li l-imputat kellu jezercita aktar kawtela qabel ma jirriverisja u una volta li kien induna b’Jones taht il-bankina huwa kellu jaccerta ruhu li din ma kinitx ghadha wara l-vettura tieghu qabel ma beda’ l-manuvra tar-reverse. Il-Qorti izda jidrilha wkoll li kien hemm negligenza kontributorja’ da’ parti tal-istess Patricia Jones u zewgha stante li dawn ittentaw jaqsmu t-triq minn wara vettura li kienet ghadha kemm waqfet f’salib it-toroq meta dawn setghu facilment jissupponu li s-sewwieq seta’ kien ser jirriversja sabiex jipparkja. Il-Qorti temmen li anki l-pedestrian ghandu jzomm a proper lookout u jesplora t-triq qabel ma jittenta jaqsam l-istess triq. Fil-fehma tal-Qorti pedestrian ghandu jaccerta ruhu li vettura li waqfet f’daqqa f’salib it-toroq ma tkunx ser ticcaqlaq u li s-sewwieq ikun rah qabel ma huwa jittenta jaqsam ezatt minn wara l-istess vettura. Dan l-element ta’ negligenza kontributorja ser jittiehed in konsiderazzjoni ghal finijiet ta’ piena.

Il-Qorti wara li qieset li l-imputat kien qed jirriversja ghal distanza zghira hafna (madwar tletin cnetimetru) u li huwa kien qed jaghmel hekk bil-moghod hafna jidrilha li huwa

ghandu jinstab hati biss ta' sewqan traskurat izda mhux ta' sewqan perikoluz.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm l-element ta' kontributorjeta' da parti tal-vittma ghall-incident in dizamina kif ukoll il-komportament tal-imputat wara l-incident fejn akkompanja huwa stess lil vittma l-ewwel il-policlinic u wara l-Ghassa sabiex isir ir-rapport u jidrilha li piena pekunjarja tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi u ma jidrilhiex li ghandha timponi s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu b'dan illi t-tieni(2) imputazzjoni ghandha titqies bhala assorbita fl-ewwel(1) mputazzjoni u tikkundannah multa ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------